# Inħarsu ’l quddiem…



**Mro. Anthony Borg**
***Surmast***

Huwa ferm diffiċli li f’dawn il-ftit versi li ġejjin, insemmi l-attivitajiet kollha li fihom ħadu sehem il-Banda u l-Kor Imperial matul dawn l-aħħar tnax-il xahar. Kienu żgur xhur ta’ impenn, dedikazzjoni u mħabba lejn l-arti mużikali minn dawk kollha involuti biex stajna nwettqu tant ħidma. Din is-sena fost ix-xogħol li issa sar kważi rutina ta’ matul is-sena, kellna żewġ avvenimenti importanti li naħseb xieraq li wieħed isemmi.

L-ewwel avveniment importanti kien il-Mellieħa International Music Festival fejn il-Banda u l-Kor Imperial ħadu sehem fl-ewwel jum tal-Festival flimkien mal-Banda Eynsford Concert Band minn Kent l-Ingilterra. F’din l-okkażjoni minbarra li ż-żewġ baned daqqew żewġ siltiet mużikali bħala *Massed Band* taħt id-direzzjoni tiegħi u taħt id-direzzjoni tas-Surmast Michael Smith, inkitbet paġna oħra fl-istorja tal-Kor Imperial meta għall-ewwel darba, kanta ma’ banda barranija. Kemm is-Surmast Smith u kemm il-mużiċisti tal-Banda kellhom kliem ta’ tifħir għall-Kor Imperial. Min jafni, jaf sew, kemm nemmen f’attivitajiet bħal dawn għax permezz tagħhom nwessgħu l-orizzonti mużikali tagħna waqt li aħna bħala pajjiż ċkejken għandna wkoll ħafna x’noffru lil ħaddieħor. Minn qalbi nixtieq nifraħ lill-Eynsford Concert Band immexxija miċ-Chairman Brian Bennett u lis-Surmast Michael Smith li f’Lulju li għadda rebħu n-National Symposium tal-Wind Bands 2014 li sar ġewwa Cantebury fl-Ingilterra.

It-tieni avveniment importanti kien ir-rekording tas-CD li jġib l-isem Nisġiet Mużikali Maltin. Ħriġna b’idea ġdida, fejn minflok is-soltu rekording tal-marċi brijjużi, irrekordjajna mużika Maltija, klassika, pop u folkloristika, li l-biċċa l-kbira minnhom huma ta’ awturi u kompożituri Melleħin. Irridu nuru l-mużika tagħna flimkien mal-ħiliet tal-awturi, tal-kompżituri, tal-arranġaturi, tal-mużiċisti u tal-kantanti, lill-oħrajn. Huma teżori, li minnhom għandna ħafna ġewwa l-Mellieħa li ħafna minna lanqas biss nafu bihom, aħseb u ara kemm napprezawhom. Nixtieq nirringrazzja lil kull min ta s-sehem tiegħu biex inkunu nistgħu nagħmlu din is-CD.

Din is-sena komplejna wkoll il-ħidma tagħna biex inkomplu nirristrutturaw it-tagħlim tal-mużika ġewwa l-Għaqda tagħna. Permezz tal-Aġenzija Żgħażagħ ġejna mogħtija għajnuna biex inkunu nistgħu nirristrutturaw it-tagħlim mużikali. Inħeġġeġ lil dawk kollha li jixtiequ jibdew jitgħallmu l-mużika biex jimlew l-applikazzjoni tagħhom mill-aktar fis u jgħadduha lill-membri tal-kumitat biex ikunu jistgħu jsiru l-preparamenti meħtieġa.

Fl-aħħarnett nixtieq nirringrazzja lil kull min ta l-kontribut tiegħu biex l-Għaqda Mużikali Imperial kellha sena oħra mużikali mill-aqwa. GRAZZI MILL-QALB.

*Żuru l-‘website’ tagħna*

**www.imperialbandclub.com**

**Ikkuntattjana fuq *e-mail*:**

**info@imperialbandclub.com**